# 52 azzjoni favur il-bijodiversità



KUMMISSJONI
EWROPEA

ambjent

Il-verżjonijiet bil-Franċiż u bl-Olandiż ta' din il-pubblikazzjoni tħejjew mill-Istitut Irjali tax-Xjenzi Naturali tal-Belġju. Il-verżjoni oriġinali ta' din il-ħarġa ġiet ippubblikata fl-2009, fil-qafas tal-"2010, Is-Sena Internazzjonali tal-Bijodiversità", taħt it-titlu "366 gestes pour la biodiversité" (366 ġest favur il-bijodiversità).

Kitba finali tat-testi: Charlotte Degueldre
Disinni: Claude Desmedt

Dritt tal-Awtur © 2009 Istitut Irjali tax-Xjenzi Naturali tal-Belġju
Ir-riproduzzjoni tat-testi u l-istampi hija awtorizzata u anke mħeġġa għal finijiet personali u/jew edukattivi iżda strettament mhux kummerċjali, bil-kundizzjoni li s-sors jissemma' u li ssir referenza għas-sit www.jedonnevieamaplanete.be. Id-drittijiet kollha ta' riproduzzjoni, ta' traduzzjoni u ta' addattament huma riżervati għall-pajjiżi kollha għal kull għan ieħor għajr dawk elenkati hawn fuq.

Il-pubblikazzjoni ġiet tradotta u addattata mid-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent tal-Kummissjoni Ewropea fil-qafas tal-kampanja "Il-Bijodiversità. Aħna lkoll parti minnha" (www.ahnalkollpartiminnha.eu).
L-opinjonijiet imfissra f'dan id-dokument mhux bilfors jirriflettu l-opinjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea.

Traduzzjoni u adattazzjoni bil-Malti © Unjoni Ewropea, 2011
Riproduzzjoni awtorizzata għal skopijiet mhux kummerċjali biss, sakemm jissemma' s-sors.

# 52 azzjoni favur il-bijodiversità

KUMMISSJONI EWROPEA
DIRETTORAT ĠENERALI TA’ L-AMBJENT

***Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet***
***għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.***

**Numru tat-telefon waħdieni bla ħlas (*):**

**00 800 6 7 8 9 10 11**

*Ċerti operaturi tat-telefonija ċellulari ma jippermettux aċċess għal numri 00 800 jew inkella dawn it-telefonati jkunu bi ħlas.

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-internet.
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (http://europa.eu).

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2011

ISBN 978-92-79-18626-4
doi:10.2779/97035

*Printed in Belgium*

Stampat fuq karta riċiklata ppremjata bl-Ekotikketta tal-UE

# DAĦLA

Il-Biodiversità – il-varjetà tal-ħajja fuq id-Dinja – tagħmel lill-pjaneta abitabbli u sabiħa. Bosta minnha jħarsu lejn l-ambjent naturali għall-pjaċir, għall-ispirazzjoni jew għar-rikreazzjoni. Aħna niddependu wkoll fuqu għall-ikel, għall-enerġija, għall-materja prima, għall-arja u għall-ilma - l-elementi li jagħmlu possibbli l-ħajja kif nafuha u li jixprunaw l-ekonomiji tagħna.

Madankollu, minkejja l-valur uniku tagħha, aħna ta' spiss ma napprezzawx in-natura. Qed jikbru l-pressjonijiet fuq bosta sistemi naturali, u dawn qed iġiegħluhom jiffunzjonaw b'mod inqas effiċjenti jew anke jwassluhom lejn xifer il-kollass. It-telf tal-biodiversità, kif insejħulu, huwa okkorrenza komuni ħafna.

Din hija r-raġuni għala l-Unjoni Ewropea hija kommessa li twaqqaf it-telf tal-bijodiversità. Matul l-aħħar 25 sena, l-UE bniet netwerk ta' 26,000 żona protetta fi ħdan il-fruntieri tagħha, li jkopru aktar minn 850,000 $km^2$. Magħruf bħala Natura 2000, huwa l-akbar netwerk ta' żoni protetti fid-dinja, u xhieda tal-importanza li nagħtu lill-biodiversità. Aħna determinati li nsaħħu dan il-programm ta' importanza kbira b'aktar miżuri għat-tul.

U aħna lkoll nistgħu nagħmlu aktar biex ngħinu. Aħna lkoll għandha s-saħħa li nħarsu l-biodiversità u neħtieġu lil kulħadd biex jingħaqad magħna. Kulħadd jista' jagħmel bidliet żgħar fid-drawwiet tiegħu ta' kuljum mingħajr ma jbiddel b'mod drammatiku l-istil tal-ħajja tiegħu. Dawn il-bidliet żgħar, magħduda flimkien, jistgħu jgħinu.

Aħna nittamaw li dawn il-pariri żgħar li hawn f'din il-gwida ta' siwi jgħinukom biex tagħmlu dik id-differenza. It-teħid ta' ikel lokali fl-istaġun tiegħu, it-tnaqqis ta' ilma wżat, l-għemil ta' kompost mill-iskart tal-ikel, jew billi tipprova ssir taf aktar dwar l-ispeċi ta' animali jew pjanti li jgħixu fiż-żoni lokali tiegħek…jekk kulħadd iwettaq fil-prattika wħud minn dawn il-passi sempliċi, issir differenza kbira fil-konservazzjoni tar-riżorsi naturali għall-ġenerazzjonijiet futuri.

Janez Potočnik
Il-Kummissjoni Ewropew għall-Ambjent

## X'INHIJA L-BIODIVERSITÀ?

Il-biodiversità hija kollha madwarna u aħna parti minnha. Hemm tliet elementi ewlenin:

- It-tipi differenti ta' speċi li jgħixu fid-Dinja – inklużi l-annimali, il-pjanti, il-ħxejjex, il-fungi, l-algae, il-batterji u saħansitra l-virusijiet;
- Id-differenzi bejn individwi tal-istess speċi – id-daqs, il-forma u l-kuluri tagħhom;
- L-ekosistemi differenti - pereżempju, l-oċeani, il-foresti jew is-sikek tal-qroll – l-ispeċi li jgħixu fihom u l-interazzjonijiet tagħhom.

Ix-xjenzati ddokumentaw madwar 1.9 miljun speċi ħajja differenti fid-Dinja, iżda hija ħaġa ċerta li l-għadd veru huwa tassew ferm u ferm ogħla. Uħud huma mikroskopiċi jew jgħixu fil-fond taħt l-art jew fl-oċeani, oħrajn sempliċiment għadhom lanqas ġew skoperti s'issa.

## GĦALIEX IL-BIODIVERSITÀ HIJA IMPORTANTI?

B'riżultat ta' 3.8 biljun sena ta' evoluzzjoni, il-biodiversità hija essenzjali għas-sovravivenza tal-bniedem. Aħna niddependu fuq in-natura għal bosta riżorsi essenzjali, inklużi l-ikel, il-materjali tal-bini, is-sħana, it-tessuti jew l-ingredjenti attivi fil-mediċini. Barra dan, hemm funzjonijiet vitali oħra li tipprovdi n-natura, mill-fertilizzazzjoni bil-polline, sal-iffiltrar tal-arja, tal-ilma u tal-ħamrija, sal-protezzjoni kontra l-għargħar.

Il-ħajja kif nafuha fid-Dinja tkun impossibbli mingħajr dawn il-materjali u servizzi essenzjali. Sfortunatament, ta' spiss aħna ninsew dak li tagħtina n-natura. Fis-soċjetajiet industrijalizzati tagħna, ftit napprezzaw il-biodiversità, u narawha bħala xi ħaġa b'xejn u eterna. Madankollu, ir-realtà hija li l-pressjonijiet li aħna nagħmlu fuq in-natura qegħdin jiżdiedu u bosta attivitajiet tal-bniedem qegħdin ikunu ta' theddida kbira għall-eżistenza ta' ħafna speċi.

Il-lista ta' pressjonijiet fuq il-biodiversità hija twila u tinkludi l-qerda u l-frammentazzjoni tal-ħabitats; it-tniġġis tal-arja, tal-ilma u tal-art; is-sajd żejjed u l-użu eċċessiv tar-riżorsi, tal-foresti u tal-art; l-introduzzjoni ta' speċi mhux indiġeni; u r-rilaxx ta' ammont li dejjem jiżdied ta' gassijiet b'effett ta' serra li jikkawża t-tibdil fil-klima.

## X'NISTGĦU NAGĦMLU BIEX NIPPROTEĠU L-BIODIVERSITÀ?

Dan il-ktejjeb fih 52 suġġeriment li jgħinuk tagħmel differenza kull ġimgħa tas-sena, inklużi:

- Affarijiet prattiċi li tista' tagħmel kull jum;
- Tkabbir ta' għarfien fil-komunità tiegħek;
- Għajnuna lir-riċerka billi tinnota u tiddokumenta s-selvaġġina u l-ekosistemi;
- Użu ta' tekniki sostennibbli fil-ġnien tiegħek;
- Kostruzzjoni u proġetti DIY.

Għal aktar informazzjoni dwar il-biodiversità, mur:
http://ec.europa.eu/environment/nature/index_en.htm

# APPOĠĠJAJT LILL-ASSOĊJAZZJONIJIET LI JĦARSU N-NATURA.




Dawn l-assoċjazzjonijiet għandhom l-għan ewlieni li jrażżnu l-qerda tal-bijodiversità u, jekk ikun meħtieġ, jikkonservaw jew jibnu mill-ġdid il-bilanċ tad-diversi ħabitats protetti (foresti, xmajjar, għadajjar, parkijiet, ġonna urbani...), kollox id f'id mal-attivitajiet tal-bniedem.



X'azzjonijiet jagħmlu? Huma jimmonitorjaw l-ispeċijiet, jistabbilixxu u jieħdu ħsieb riżervi naturali, jirrestawraw ambjenti rari, jorganizzaw konferenzi, mixjiet ta' skoperta tan-natura, ġranet ta' għarfien, azzjonijiet immirati (bħall-operazzjonijiet ta' salvataġġ tar-rospi)...



Biex tappoġġjahom, sir membru, agħmel xi donazzjonijiet, ixtri l-pubblikazzjonijiet u l-prodotti tagħhom, ħu sehem b'mod volontarju fil-proġetti tan-natura tagħhom...



## MA NIDDISTURBAX LILL-ANNIMALI WAQT IL-MIXJIET TIEGĦI.




Fix-xitwa, iktar milli fi kwalunkwe staġun ieħor, għandek tevita għal kollox li tiddisturba lill-annimali waqt il-mixjiet tiegħek fil-kampanja. Jekk inti tgerrixhom minn darhom, jew jekk taħsadhom waqt li jkun qegħdin jippruvaw ifittxu l-ikel jew jekk tqajjimhom waqt ir-raqda tagħhom, ikunu fil-periklu li jaħlu l-ftit riservi li jkollhom biex jaħarbu jew jistaħbew... u dan jista' jkun fatali għalihom!

Għalhekk huwa importanti li tibqa' miexi/miexja matul il-mogħdijiet, tagħmel l-inqas storbju possibbli u tosserva mill-bogħod il-ftit annimali li, bħalek, ikunu ħarġu għal ftit arja...



## ABBONAJT F’BASKET ORGANIKU.




Permezz ta’ tekniki inqas aggressivi ta’ produzzjoni, il-kultivazzjoni tal-ispeċijiet endemiċi u n-nuqqas ta’ użu ta’ demel u pestiċidi kimiċi, l-agrikultura bijoloġika tevita t-tnaqqis tal-ħamrija, tnaqqas it-tniġġiż tal-ilma ta’ taħt l-art u tirrispetta lil dawk li jgħinu l-kultivazzjoni (in-naħal, il-ħniex...) u l-ekosistemi tal-madwar.

Barra minn hekk, spiss tagħti l-ħajja lil varjetajiet lokali minsija, magħżula għall-kwalità tat-togħma u n-nutrijenti tagħhom: artiċokks, qamħ antik, tuffieħ delizzjuż...

Meta tabbona f’baskett organiku, tkun qed tħaddan filosofija ta’ ekoloġija globali. Kun ċert/a li l-frott u l-ħxejjex ikunu ta’ produzzjoni lokali u staġjonali (ftit konservanti, ftit trasport) u li jkunu ftit li xejn imgeżwrin.



## ĦEĠĠEJT IL-BIJODIVERSITÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL TIEGĦI.




Qegħdin tagħmlu xi infrastruttura ġdida(mill-ġdid)? Kun żgur li tintegraha kemm jista' jkun mal-ambjent tal-madwar (aħseb għal xi mogħdijiet għall-annimali, ħalli l-flora u l-fawna tikkolonizza l-ilqugħ tal-ilma tax-xita...). Ħudu ħsieb u kabbru kemm jista' jkun is-siġar, is-sisien diversifikati, l-għadajjar, l-art moxa...

Fil-każ tal-bini, l-irfinar u l-għamara, agħżel materjal u prodotti ekoloġiċi, naturali, sostenibbli, riċiklabbli u, jekk ikun possibbli, lokali. Naqqas il-konsum tal-enerġija mhux rinnovabbli u l-produzzjoni tal-iskart...

B'hekk tkun qed tnaqqas il-marka ekoloġika tal-kumpanija tiegħek filwaqt li tkun qed ittejjeb l-ambjent tax-xogħol, l-immaġini tal-marka tiegħek u l-valur tas-suq tal-bini!



## NAQQAST L-EMISSJONIJIET TIEGĦI TAL-GASSIJIET B'EFFETT SERRA.




It-tisħin, id-dawl, l-ivvjaġġar... l-ikel, l-ilbies u n-nifs ukoll: dak kollu li nagħmlu jipproduċi gassijiet b'effett serra li, fi kwantitajiet żejda jipperikolaw il-pjaneta. Id-deżert ikompli jikber, il-glaċieri jirtiraw, il-livell tal-baħar jogħla... Fi ftit kliem, jitħarbtu ekosistemi sħaħ.

Naqqas l-emissjonijiet tiegħek ta' gassijiet b'effett serra billi tuża kemm jista' jkun prodotti tal-istaġun, tar-reġjun tiegħek u li jkollhom ekotikketta, billi tivvjaġġa bil-mixi, bir-rota jew bit-trasport pubbliku, billi tevita l-ħela...

U patti xi ftit billi tilqa' l-bijodiversità għandek (permezz ta' xi għadira, ġnien bil-fjuri, dar għall-għasafar...) u billi tappoġġja assoċjazzjonijiet li jħarsu n-natura jew proġetti ta' riforestazzjoni.



## UŻAJT IL-LAPTOP TIEGĦI SAKEMM KIEN POSSIBBLI.




Il-manifattura tal-logħob tal-kompjuters u tat-telefons ċellulari teħtieġ minerali differenti (ram, kobalt, ċomb...) li għalihom dejjem tiżdied it-talba. Il-minjieri minn fejn jiġu dawn il-minerali jinsabu mifruxin mad-dinja kollha u l-użu tagħhom għandu impatt kbir fuq l-ambjent tal-madwar.

Fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, minn fejn jiġi estratt il-famuż coltan, il-bijodiversità straordinarja tal-Kivu tinsab fil-periklu: kaċċa illegali għall-ftit gorilli li fadal iżda wkoll għall-iljunfanti, l-okapis... bħala ikel għall-ħaddiema tal-minieri, id-deforestazzjoni enormi għall-produzzjoni tal-injam għall-kostruzzjoni u għall-ħruq u sabiex ikabbru l-minjieri, erożjoni u tniġġis tal-ħamrija, tal-ilma, tal-arja... biex ma nsemmux il-ġlied bl-armi!

Mela, qabel ma tibdel it-telefon jew il-laptop tiegħek, aħsibha sew!






# XTRAJT IL-ĦUT B'MOD RESPONSABBLI.




Tonn, merluzz, salamun, lingwata, petriċa...: huwa irrakkomandat ħafna li jieqaf il-konsum ta' dawn l-ispeċijiet. Is-sajd żejjed, il-perijodi tal-qbid (xi kultant f'nofs l-istaġun tar-riproduzzjoni) jew ċerti metodi ta' sajd (li jeqred qiegħ il-baħar jew li jikkawża l-qbid aċċidentali taż-żgħar) jipperikolaw it-tiġdid tal-popolazzjonijiet tagħhom.

Agħtihom ċans ikabbru mill-ġdid il-popolazzjoni tagħhom: kul ħut u frott tal-baħar li jagħmel parti minn speċijiet li mhumiex vulnerabbli. U jekk jista' jkun ixtri prodotti ta' ħut lokali jew li jkollhom it-tikketta MSC.

Għal aktar tagħrif dwar din it-tikketta: www.msc.org



## MA RMEJTX SKART FL-ART.




Li tarmi l-iskart barra jħalli effetti fuq l-ambjent u spiss ikollu konsegwenzi diżastrużi.

Ċertu skart għandu effetti immedjati: iċ-ċikek tas-sigaretti u ċ-ċuwingam javvelenaw jew jifgaw lill-annimali li jibilgħuhom, l-annimali u l-amfibji żgħar jinqabdu fil-fliexken, il-biċċiet tal-ħġieġ imkisser jistgħu jweġġgħu lill-annimali l-kbar, u meta jirriflettu x-xemx u jsiru qishom lenti, jikkawżaw in-nirien...

Oħrajn ikollhom effett fit-tul: il-plastik jeħtieġ mijiet ta' snin qabel jiddegrada filwaqt li jarmi prodotti tossiċi, il-batteriji fihom metalli tqal li jidħlu fil-ħamrija u fl-art u jikkontaminaw l-ilma ta' taħt l-art...

Mela, uża l-laned tal-iskart pubbliċi u rriċikla dak li jista' jiġi rriċiklat!



# ILQAJT IL-FAWNA LOKALI F'DARI.




Qiegħed tibni jew tirrinova darek? Aħseb biex tinkludi kenn għall-fawna lokali.

Tkixxef dwar l-ispeċijiet li jistgħu jbejtu f'darek: liema minnhom lest li tilqa' f'darek? Imbagħad, agħmel it-tħejjijiet meħtieġa: ħaffer ħofor f'ħajt oħxon u agħmel xi fetħiet (għal xi naħal solitarju), ħaffer xi toqob fiz-zkuk (għall-friefet il-lejl), aħseb għal aċċess għall-attiku minn barra (għall-għasafar tal-priża u l-friefet il-lejl), poġġi bejtiet taħt is-soqfa u l-gallariji...

Żid il-possibiltajiet kemm jista' jkun: agħmel ġnien diversifikat kemm jista' jkun, il-mistiednin tiegħek ikunu jistgħu jsibu l-ikel aktar faċilment, u aqta' l-prodotti kimiċi (pestiċidi u demel, żebgħa, prodotti tal-ħasil...).



# QGĦADT ATTENT GĦALL-"ĦASIL EKOLOĠIKU".




Ċerti kumpaniji, b'mod speċjali dawk li jipproduċu l-karozzi, ma joqogħdux lura milli jiftaħru dwar il-virtujiet "ekoloġiċi" ta' prodotti li mhuma xejn minn dan. Oħrajn jeħtieġu li "jekoloġizzaw" l-immaġini tagħhom minħabba li l-attivitajiet tagħhom iniġġżu żżejjed u jagħmlu wisq ħsara lill-bijodiversità (il-produzzjoni tal-gass b'effett serra, it-tneħħija tas-siġar jew pjanti minn fuq art biex tinbena estensjoni, l-użu tal-ilma tax-xmajjar biex jitkessħu l-magni...).

Tħallix il-kampanji ta' reklamar tagħhom, li huma wisq ekoloġiċi biex ikunu reali, jinfluwenzawk. Iddenunzjahom meta jkun meħtieġ. U involvi ruħek f'dawn id-ditti sabiex inaqqsu tassew l-impatt negattiv tagħhom fuq il-pjaneta, b'mod speċjali billi jirrikorru għal eko-konsulenti.



## UŻAJT PRODOTTI TAD-DAR LI MA JNIĠĠSUX.




Anki wara li jgħaddi mill-impjant ta' trattament, l-ilma mormi fix-xmajjar ikun fih il-parti l-kbira tal-fosfati, solventi, sustanzi tensjoattivi u prodotti oħrajn kimiċi preżenti fid-deterġenti li nużaw. Dawn il-komponenti, li spiss iniġġsu ħafna, jista' jkollhom riperkussjonijiet gravi fuq il-bijodiversità – l-aktar fuq l-ambjenti akkwatiċi – u fuq saħħitna!

X'għandek tagħmel? Agħżel prodotti tal-ħasil ekoloġiċi tikkettjati jew, saħansitra aħjar, uża biċċiet tas-sapun ta' Marsilja għall-ħwejjeġ, sapun iswed għall-ħasil tal-art, ħall sħun għall-ġebla, soda tal-ħami (bi jew mingħajr ħall) biex togħrok il-borom u s-sinkijiet mingħajr ma tigrifhom,... U b'mod partikolari, evita dożi żejda. Għall-kuntrarju, oqgħod lura!



# MORT MIXJA F'ARMONIJA MAN-NATURA.




Meta tmur mixja fil-kampanja, kun prudenti: tagħmilx storbju u, jekk tixtieq tosserva xi annimali selvaġġi, evita li tilbes kuluri jgħajtu u li tagħmel ħafna fwieħa.

Ibqa' imxi dejjem fil-mogħdijiet: b'hekk hemm inqas possibbiltà li tgerrex lill-annimali jew li tgħaffeġ xi pjanti, ħażiż jew fungi...

Jekk tieħu l-kelb miegħek, orbtu biċ-ċinga u ara li jibqa' miexi fuq il-passaġġ.
Kun żgur/a wkoll li ma jinbaħx jew li ma jgerrixx lill-annimali kollha
(fuq kollox, jekk tittama li tara xi wieħed, aħjar tħalli lill-ħabib fidil tiegħek id-dar!).

Fl-aħħar nett, tarmi xejn fil-kampanja
u tiġbor jew taqta' xejn minn dak
li jista' jkun hemm.



## DOQT IL-BIJODIVERSITÀ FIL-PLATT TIEGĦI.




Maħluqa b'reazzjoni għall-iżvilupp tal-*fast-foods* u tal-*junk* food, l-assoċjazzjoni Slow Food uriet li l-iżvilupp tat-togħma u tal-kurżità tal-konsumaturi f'dak li jirrigwarda l-ikel iwassal sabiex iħarsu l-bijodiversità.

Kif? Faċli ħafna. Qatt kilt xi soppa ta-zunnarija bajda, weraq tal-qaqoċċ jew kavjar tal-bebbux? Jekk tagħmel dan, tkun qed tikkontribwixxi għas-salvagwardja tal-varjetajiet minsija (bħat-tuberi) u l-ispeċijiet mhedda (bħall-istorjun).

Għal aktar tagħrif dwar din l-assoċjazzjoni ekogastronomika, l-azzjonijiet tagħha u l-Fondazzjoni *Slow Food* għall-bijodiversità: www.slowfood.com



# ILLIMITAJT U KKOMPENSAJT IS-$CO_2$ IĠĠENERAT WAQT IL-VJAĠĠI TIEGĦI




Anki waqt il-vaganzi, illimita l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra, fosthom il-famuż $CO_2$. Mur mixjiet twal, mur *camping* (iżda mhux f'żoni selvaġġi!) jew ħu sehem fl-ekoturiżmu. Agħżel postijiet mhux 'il bogħod u mur bir-rota, bil-ferrovija jew, għaliex le, f'karavan miġbud minn żiemel! U meta tkun hemm, kul prodotti lokali u tal-istaġun, naqqas il-vjaġġi bil-vetturi b'magna, u għaddi mingħajr l-arja kkundizzjonata...

Jekk ma tistax tevita l-ivvjaġġar bl-ajruplan, agħżel titjiriet diretti (it-tluq tal-ajruplan ikun jeħtieġ kwantitajiet enormi ta' fjuwil). U kkompensa s-$CO_2$ iġġenerat waqt il-vjaġġ tiegħek billi tiffinanzja proġetti għall-ħarsien tal-bijodiversità jew tar-riforestazzjoni fir-reġjun tiegħek jew f'pajjiżi aktar imbiegħda...



# ORGANIZZAJT BINI TA' TIM GĦALL-BIJODIVERSITÀ.




Għandek bżonn issaħħaħ il-koeżjoni tat-tim tiegħek jew tixtieq tirrilassa ftit mal-kollegi? X'taħseb kieku tipproponi attivitajiet ta' gruppi għall-bijodiversità?

Tista' torganizzahom fuq il-post tax-xogħol: għamlu inventarju tal-annimali u l-pjanti li hemm fiż-żona immedjata, ħawlu sisien u speċijiet li jagħmlu n-nettaru fil-parkeġġ ta' barra, għamlu pjanti mal-faċċata, oħolqu ġnien iffjurit jew ġnien tal-ħxejjex fuq il-bejt, ibnu bejtiet u postijiet ta' kenn differenti fil-bini tal-kumpanija tiegħek...

Tista' wkoll tieħu sehem f'attivitajiet fin-natura, f'mixjiet ta' skoperta ta' speċijiet u ħabitats speċifiċi, f'operazzjonijiet ta' salvataġġ tar-rospi, jew fi żjarat ta' xi razzett organiku...



# IPPROTEĠEJT IL-ĦNIEX.




Il-ħniex huma ħolqa fundamentali fil-katina alimentari. Huma jirriċiklaw bla waqfien il-materjal organiku, bħall-weraq niexef u pjanti oħrajn li jkunu qegħdin jispiċċaw. B'dan il-mod huma jgħinu fil-produzzjoni ta' ħamrija tajba u jiggarantixxu l-fertilità tal-art li minnha jikber il-frott u l-ħaxix li nieklu aħna.

Barra minn hekk, il-ħofor tagħhom iqallbu l-ħamrija u dan jippermetti li l-għeruq jinfirxu sew u li l-ilma jinfed aktar malajr u aktar 'l isfel, fejn ikun jista' jinxtorob mill-pjanti. Dan inaqqas ukoll il-possibbiltà li l-ilma u l-ħamrija jintilfu meta tagħmel xita qawwija.

Ipproteġi lil dawn il-ħaddiema ta' valur billi ma tużax demel jew pestiċidi kimiċi u billi tagħżaq l-art b'furkettun.



## GĦADDEJT IL-VAGANZI TIEGĦI F'LUKANDA EKOLOĠIKA.

**Ġimgħa 17**

Illum jeżistu ħafna ekotikketti – fosthom it-tikketta ekoloġika Ewropea – għal lukandi, postijiet tal-kampeġġ, djar fil-kampanja u f'postijiet li jipprovdu sodda u kolazzjon.

X'inhuma l-kriterji għall-għoti tagħhom? Il-post u l-binja tal-istabbiliment (fir-rispett tan-natura tal-madwar), il-materjal użat għall-bini (ekoloġiku, sostenibbli, rinnovabbli, riċiklabbli...), il-konsum limitat ta' ilma u ta' enerġija mhux rinnovabbli, produzzjoni mnaqqsa ta' skart u l-ġestjoni tiegħu...

X'interess fihom? Is-sidien jenfasizzaw il-ħarsien tal-bijodiversità permezz ta' attivitajiet ta' divertiment fir-rispett tan-natura, permezz tal-iskoperta ta' prodotti tat-territorju u ta' kulturi lokali...

Għal aktar tagħrif :
www.ecolabel-tourism.eu





## NAQQAST IL-KONSUM TAL-ILMA TAX-XORB.




L-ilma huwa fundamentali għall-bilanċ tal-pjaneta u ta' dawk li jgħixu fuqha, kemm l-annimali kif ukoll il-ħxejjex. Hemm biżżejjed għal kulħadd iżda, b'xorti ħażina, mhuwiex imqassam sew u spiss ma jkunx ġestit sew. Fir-reġjuni tagħna, huwa biżżejjed li jkollok vit biex ikollok l-ilma tax-xorb. Allura, nużawh għal kollox, xi kultant anki biex naħslu l-karozza!

Biex ma taħlix ilma tax-xorb, tista' ssaqqi l-pjanti bl-ilma tax-xita, tard fil-ġurnata (biex tevita li l-ilma jevapora), u tiġbor l-ilma użat (l-ilma tal-magna tal-ħasil tal-platti, tal-banju, tad-doċċa) għall-flaxing, għall-ħasil tal-art... u anki għat-tisqija tal-pjanti, wara li tiffiltrah.



## ĦEĠĠIĠT LILL-KOMUNITÀ TIEGĦI GĦALL-ĠARDINAĠĠ ORGANIKU.

Ġimgħa 19

Ċerti rħula saru jagħmlu sforzi fit-tħawwil u fil-ġestjoni tal-ġnub tat-toroq u l-ġonna sabiex jippromwovu l-bijodiversità.

Jekk dan għadu mhux qed isir fil-lokalità tiegħek, issuġġerixxi lis-servizzi kompetenti dawn il-ftit prinċipji ħfief: jitħawlu biss speċijiet lokali (fil-każ tal-fjuri, il-perenni jeħtieġu inqas xogħol mill-fjuri annwali), jintużaw pestiċidi u demel organiċi minflok dawk kimiċi, jintużaw mulches u pjanti li jinfirxu mal-art biex ma jitlax ħaxix ħażin u tonqos it-tisqija, isir kompost mill-iskart tal-pjanti u l-kompost miksub jintuża biex tissaħħaħ il-ħamrija fil-ħarifa, iż-żbir isir tard u jitħallew xi żoni bħala kenn...



# ĦADT SEHEM FIL-JUM IDDEDIKAT GĦALL-BIJODIVERSITÀ.




Magħżul bħala "Il-Jum Internazzjonali tal-Bijodiversità" min-Nazzjonijiet Uniti, it-22 ta' Mejju huwa l-okkażjoni biex nedukaw lill-pubbliku ġenerali u lid-dinja politika dwar il-bijodiversità, l-istat tagħha, l-isfidi, it-theddidiet u l-preservazzjoni tagħha.

Kull sena, issir enfażi fuq suġġett differenti: il-bijodiversità u l-agrikultura fl-2008, l-ispeċijiet aljeni invażivi fl-2009, il-bijodiversità u l-iżvilupp fl-2010, il-bijodiversità u l-foresti fl-2011.

Iċċelebra dan il-jum billi tieħu sehem fl-attivitajiet (wirjiet, konferenzi...) maħsubin għall-okkażjoni. Jew inkella organizza inti stess piknik organiku, mixja ta' skoperta tal-flora u tal-fawna lokali, xi kunċert ta' mużika ekoloġika...

Għal aktar tagħrif: www.cbd.int/idb



# SIRT EKOVOLONTARJU.




Tixtieq tuża l-vaganzi tiegħek barra pajjiżek biex tippreserva l-bijodiversità?
Mela sir ekovolontarju.

Filwaqt li tkun qiegħed tiskopri postijiet li m'humiex aċċessibbli għat-turisti ordinarji, inti tkun qed tgħin b'mod attiv lill-assoċjazzjonijiet tal-ħarsien tan-natura sabiex iwettqu xogħlijiet ta' riċerka jew ta' konservazzjoni. U m'hemmx għalfejn tkun espert fil-bijoloġija jew fix-xjenza ambjentali, l-attivitajiet proposti jista' jagħmilhom kulħadd.

Mela, xi tgħid kieku tieħu inventarju tal-balieni tal-Mediterran, tipproteġi l-orsijiet fir-Rumanija, tistudja l-popolazzjonijiet tal-klieb il-baħar il-bojod barra l-kosta tal-Afrika ta' Isfel, tieħu sehem fir-riabilitazzjoni tal-gibbuni, il-makakki u l-loris fit-Tajlandja, tippromwovi l-agrikultura bijoloġika fl-Indja?



# ĦLOQT KENN NATURALI GĦALL-BIJODIVERSITÀ.




Kif tista' tibdel ġnien – tiegħek stess, dak tal-iskola ta' uliedek jew dak tal-kumpanija fejn taħdem – f'kenn naturali għall-bijodiversità?

Aqta' l-użu tal-pestiċidi u tad-demel kimiku.

Ħalli l-veġetazzjoni naturali tikber f'xi rokna tal-ġnien u ħalli ħafna żmien qabel tiżbor: dan jippermetti r-riproduzzjoni u d-diversifikazzjoni tal-ispeċijiet tal-pjanti, filwaqt li tkun qiegħed toħloq kenn għal għadd ta' annimali.

Agħmel vaska u żomm siġra mejta, biex fit-toqob tagħha tilqa' l-annimali tal-grotta, munzell zkuk u ieħor tal-ġebel għall-mammiferi ż-żgħar, l-amfibji u diversi invertebrati.

Varja s-sies tal-ħaxix tiegħek bi speċijiet endemiċi. Aħseb għal pjanti tan-nettaru biex tattira għadd kbir ta' insetti.



# GĦAŻILT KOŻMETIĊI ORGANIĊI.

**Ġimgħa 23**

Bħall-prodotti tat-tindif, il-parti l-kbira tal-kożmetiċi attwali fihom prodotti kimiċi (konservanti, fwejjaħ sintetiċi, tensjoattivi...) li m'humiex bijodegradabbli u għaldaqstant jagħmlu ħsara lill-bijodiversità, b'mod speċjali lill-ambjenti akwatiċi fejn isibu ruħhom meta jinġarru mill-ilma użat.

Uża kożmetiċi organiċi: inħasel bis-sapun, fewwaħ il-banju tiegħek bi ftit qtar taż-żejt essenzjali tal-lavanda, naddaf il-ġilda tiegħek b'infużjoni ta' kamomilla jew kornflawer, illixxjaha bin-nuħħala tal-qamħ jew tal-ħafur, saħħaħha permezz taż-żjut tal-ġirasol jew taż-żebbuġ... Tista' wkoll tagħmel il-pejst biex tnaddaf snienek, tassew faċli!



## SKOPREJT IN-NATURA FIL-BELT.

Ġimgħa 24

Kontra dak li wieħed jista' jaħseb, il-bijodiversità xi drabi hija ferm akbar fil-belt milli fil-kampanja fejn l-għelieqi jkunu miżgħuda bil-monokulturi bħal fil-foresti.

Sorprendentament, il-ħabitats jistgħu jkunu ferm varjati fl-ibliet: il-ġonna pubbliċi, il-ġonna privati, l-għadajjar, il-parkijiet, il-foresti, it-toroq u l-vjali bis-siġar, l-art moxa, iż-żoni madwar il-linji tal-ferroviji, ix-xtut tax-xmajjar... biex ma nsemmux il-bjut u t-terrazzini bil-pjanti, il-faċċati u l-gallariji mimlijin fjuri. Anki l-iċken toqba fil-bankina, fl-irkejjen tal-bini jew fuq il-ħitan huma kolonizzati minn għadd kbir ta' pjanti selvaġġi!

Iżda din il-bijodiversità hija vulnerabbli: ma tantx għandha saħħa kontra l-miksers tas-siment u r-rombli.



# TGĦALLIMT DWAR IL-KULTIVAZZJONI TAL-QOTON ORGANIKU.




Il-kultivazzjoni intensiva tal-qoton tradizzjonali tuża biss 3 % tal-uċuħ kultivabbli iżda 25 % tal-insettiċidi mibjugħin fid-dinja! It-tnaqqis tal-ħamrija, id-deforestazzjoni, it-tisqija massiva, it-tniġġis tal-ilma ta' taħt l-art, l-espożizzjoni tal-bdiewa u tal-ispeċijiet lokali għal sustanzi tossiċi... hija partikolarment ta' ħsara għall-ambjent u għall-bnedmin.

Għall-kuntrarju, il-kultivazzjoni estensiva tal-qoton organiku ssir permezz ta' demel u pestiċidi naturali, teħtieġ inqas ilma, tippreserva l-fertilità tal-ħamrija (għaliex tiġi alternata ma' ħxejjex oħrajn) u tagħti qoton b'fibri aktar rotob u aktar reżistenti.

Barra minn hekk, minħabba li ma jiġix trattat bil-kimiċi mill-produzzjoni sal-bidla tiegħu fi ħwejjeġ, il-qoton organiku huwa ipoallerġeniku.



# META SIFIRT, DOQT L-ISPEĊJALITAJIET LOKALI.




Meta tiekol l-ikel prodott fuq il-post, inti tkun qed tgħin lill-bdiewa li jikkultivaw jew irabbu speċijiet endemiċi u tnaqqas it-tniġġis ikkawżat mit-trasport: dan huwa ta' ġid għall-ekonomija lokali u għall-bijodiversità!

Iżda taċċettax ikel ibbażat fuq speċijiet mhedda (laħam tal-fekruna, sushi tat-tonn, ħjar (bebbux) tal-baħar, laħam ta' annimali selvaġġi...) jew li l-produzzjoni tiegħu għandha impatt negattiv fuq il-bijodiversità lokali (sajd u kaċċa mingħajr attenzjoni għad-daqsijiet u l-kwoti minimi, kultivazzjoni li tkun teħtieġ id-deforestazzjoni ta' żoni kbar...).

Lanqas ma għandek taċċetta l-mediċini tradizzjonali u l-kożmetiċi abbażi tal-qarn tar-rinoċeronte, is-snien tal-iljunfant, l-għadam u l-ġewwieni tat-tigra, il-misk taċ-ċriev maskili...



Għal-lista tal-ispeċijiet mhedda:
www.cites.org
www.iucnredlist.org

# NIŻŻILT L-GĦAJTA TAL-ANNIMALI FUQ IT-TELEFON ĊELLULARI TIEGĦI.



L-assoċjazzjoni Amerikana *Center for Biological Diversity* tipproponi mod oriġinali kif tqajjem għarfien fost kulħadd dwar il-kriżi li għaddejja minnha llum il-bijodiversità. Issa, inti tista' tniżżel bla ħlas, f'forma ta' *ring tones* għat-telefon ċellulari tiegħek, l-għajta ta' annimali rari, mhedda bil-qerda jew li jistgħu jinqerdu.

L-għajta tal-bies, l-għajta tal-panda l-kbira, l-għajta tal-beluga...: ikun xi jkun ir-*ring tone* li tagħżel, żgur mhux ser jonqos li jissorprendi lil ta' madwarek. Imbagħad f'idejk sabiex tispjega liema annimal mhedded jipproduċi dak il-ħoss...

Biex tniżżel dawn ir-*ring tones* u taqra d-deskrizzjoni (bl-Ingliż) tal-annimali li jagħmlu dawk il-ħsejjes:
www.rareearthtones.org



# UŻAJT KREMI MINERALI TA’ KONTRA X-XEMX.




Il-parti l-kbira tal-kremi ta’ kontra x-xemx fihom filtri kimiċi kontra l-UV li spiss ikunu allerġeniċi. Barra minn hekk, billi jkunu jinsabu fl-ibħra, fil-lagi, fix-xmajjar..., jistgħu, jikkawżaw nuqqas ta’ bilanċ ormonali fl-annimali – inkluż il-bniedem! – u huma parzjalment responsabbli għall-ibbliċjar tal-korall.

Ċerti siti turistiċi, bħall-park akwatiku Xel-Há fil-Messiku, ħadu din it-theddida bis-serjetà: issa l-kremi solari minerali biss huma awtorizzati. Huwa ftit aktar diffiċli li ddellikhom u xi drabi jħallu marki bojod minħabba l-filtri minerali li fihom iżda huma effikaċi u aktar importanti minn hekk huma inqas tossiċi, għalik u għan-natura.

Trid soluzzjoni oħra? Ilbes flokk jew libsa tas-surfers biex tgħum...



Ġimgħa 29

# ĦALLEJT LILL-ANNIMALI JGĦADDU FIL-VIĊINANZI TAD-DAR TIEGĦI.

Parti kbira mill-ispazji urbani ħodor huma ġonna privati. Spiss dawn jiffurmaw gżejjer ta' art ħadra qalb il-blokok ta' djar u huma mdawwrin bil-ħitan. Ħeġġeġ lill-ġirien tiegħek joħolqu passaġġi żgħar bejn il-ġonna billi jneħħu xi ġebla jew tnejn min-naħa ta' isfel ta' kull ħajt, biex b'hekk ikunu jistgħu jgħaddu qniefed, ġrieden ta' geddumhom twil, żrinġijiet, rospi...

U biex tgħaqqad dawn il-gżejjer bejniethom, ikkonvinċi lill-awtoritajiet muniċipali sabiex jagħmlu xi titjib permezz ta' tħawwil ta' siġar fit-toroq (tista' ddendel pont tal-ħabel 'il fuq sew mit-triq għall-iskwirils) jew permezz ta' passaġġi (għar-rospi) taħt il-ħotbiet għat-tnaqqis tal-veloċità.



# XTRAJT GĦAMARA GĦALL-ĠNIEN MAGĦMULA MINN INJAM IĊĊERTIFIKAT.




L-injam għandu mill-inqas żewġ vantaġġi: huwa aktar reżistenti mill-plastik u m'huwiex magħmul miż-żejt mhux raffinat. Meta tixtri għamara ċċertifikata FSC jew PEFC, inti tkun ċert li l-injam li l-għamara tkun magħmula minnu ġej minn foresti ġestiti b'mod sostenibbli u mhux minn forest temperati jew boreali affettwati mit-tnaqqis fil-bijodiversità jew minn foresti tropikali sfruttati iżżejjed.

Fost l-injam tikkettat, agħżel l-ispeċijiet lokali, li huma reżistenti daqs injam eżotiku iżda li jeħtieġ inqas enerġija għat-trasport u għalhekk iniġġeż inqas. U jekk titrattah, uża prodotti naturali abbażi ta' żejt tal-kittien, xemgħa tan-naħal jew xemgħa veġetali.

Għal aktar tagħrif dwar dawn it-tikketti:
www.fsc.org
www.pefc.org



# NAQQAST IL-KONSUM TAL-LAĦAM.




Għaliex? Għat-trobbija tal-bhejjem, ikunu meħtieġa bosta mergħat u wkoll il-produzzjoni ta' għalf (soja, qamħ, pitravi, żerriegħa tal-kolza...) u għalhekk ikunu meħtieġa ħafna uċuħ agrikoli kbar... li spiss jittieħdu mill-foresti! Barra minn hekk, ikun hemm bżonn ta' ħafna ilma u pestiċidi għall-kultivazzjoni tal-għalf, u dan jikkawża t-tnaqqis tal-ħamrija u t-tniġġiż tal-ilma ta' taħt l-art.

Iżda dan mhux kollox! Waqt id-diġestjoni, l-annimali li jixtarru jipproduċu ammonti kbar ta' metanu – wieħed mill-aktar gassijiet b'effett serra perikolużi – l-aktar meta jingħataw ħafna proteini bħas-soja.

Fl-aħħar nett, il-konsum żejjed ta' laħam jista' jagħmel ħsara lis-saħħa (kolesterol, kanċer, dijabete...). F'ħafna ġranet tal-ġimgħa, minflok laħam ħu għads, bajd, ġobnijiet, ħaxix, u frott...



## XTRAJT IS-SUVENIRS TIEGĦI B'MOD RESPONSABBLI.




Ara li s-suvenirs li ġġib lura miegħek mill-vaganzi ma jkunux magħmulin minn speċijiet mhedda. Tixtri xejn li hu magħmul mill-qroll, l-avorju, il-qxur tal-fkieren tal-baħar, ir-rosewood (injam skur) tal-Brażil (Dalbergia nigra)...

Ċerti oġġetti (basktijiet magħmulin mill-ġilda tal-kukkudrilli, stampi magħmulin bil-ġwienaħ tal-friefet...) jistgħu jkunu magħmulin minn annimali mrobbija jew minn pjanti mkabbra f'ambjent artifiċjali. Tixtrihomx jekk ma jkollhomx permess CITES: dan iċ-ċertifikat, li mingħajru ma tgħaddix mid-dwana, jiggarantixxi li l-bejgħ tagħhom huwa permess u li ma jagħmilx ħsara lill-bijodiversità.

Is-CITES hija konvenzjoni internazzjonali li tirregola l-kummerċ ta' speċijiet ta' annimali u pjanti fil-periklu li jinqerdu għal kollox.

Għal aktar tagħrif: www.cites.org



# MA NKABBARX IL-"GŻEJJER TAL-ISKART" FIL-BAĦAR MIFTUĦ.




Bl-effett tal-kurrenti tal-baħar, fl-ibħra u fl-oċeani jiffurmaw gżejjer tal-iskart reali ġġenerati mill-bniedem. Waħedha, ir-roqgħa ta' skart tal-Paċifiku ("The Great Pacific Garbage Patch") tokkupa madwar 3,5 miljun km$^2$!

Dawn il-gżejjer huma magħmulin l-aktar mill-plastik. Madankollu, dan idum bejn 500 u 1000 sena biex jiddikomponi (filwaqt li jirrilaxxa għadd ta' prodotti tossiċi) u jista' jifga lill-ħut, lill-fkieren, lill-għasafar u lill-mammiferi tal-baħar li jibilgħu biċċiet, għax jaħsbuhom priża.

X'għandu jsir? Illimita l-użu tiegħek tal-plastik (basktijiet, fliexken...), tarmi xejn fin-natura (anke 'l bogħod mill-baħar) u tkellem man-nies ta' madwarek dwar dawn il-gżejjer tal-iskart li ta' spiss għadhom mhumiex magħrufin ħafna.



## NAPPOĠĠA PROĠETT TA' RIFORESTAZZJONI.




Kuljum, mijiet ta' ettari ta' foresta jisparixxu kullimkien fuq il-pjaneta. Dawn jiġu żgumbrati biex jitkabbru ż-żoni li jistgħu jiġu kkultivati u li jistgħu jiġu abitati jew jiġu sfruttati żżejjed biex jipprovdulna injam għall-bini u għall-għamara.

Bosta NGOs jorganizzaw proġetti ta' riforestazzjoni fir-reġjuni li huma l-aktar affettwati. Jekk għandhom impatt ekoloġiku pożittiv (ġlieda kontra d-deżertifikazzjoni, il-valangi...), jekk itejbu l-bijodiversità tar-reġjun (tħawwil ta' speċi veġetali mhedda, ġlieda kontra l-frammentazzjoni tal-ħabitats...) u jekk huma appoġġati mill-popolazzjonijiet lokali, ikkontribwixxi għalihom billi tagħti donazzjoni. Jew, għaliex le, billi tmur fuq il-post bħala ekovolontarju...






# NILLIMITA T-TNIĠĠIS TAD-DAWL BARRA.




Fil-kampanja bħal fil-belt, id-dawl tar-rotot, tat-toroq u tal-ġonna jippermetti lil xi wħud (il-bnedmin, il-volpijiet...) sabiex itawlu l-attivitajiet tagħhom bil-lejl.

Iżda d-dawl artifiċjali jiddisturba bosta speċi. L-annimali li l-vista tagħhom hija addattata għall-ħajja ta' bil-lejl (kokki, firien...) isibuha diffiċli biex jaraw l-ostakoli, il-priża jew il-predaturi. L-għasafar migratorji jiġu diżorjentati. Il-friefet ta' bil-lejl itiru madwar id-dwal tat-toroq sal-eżawriment. Il-*fireflies* irġiel ma jarawx is-sinjali luminużi tan-nisa u għalhekk ma jistgħux jirriproduċu...



Għalhekk, biex iddawwal il-ġnien, it-terrazzin, il-bieb tiegħek..., agħżel dwal li ma jgħammxux u orjentati 'l isfel. U itfihom malli ma tkunx barra aktar.





# NINTRODUĊI L-EKO-IKEL FIL-KANTIN.




Mensi, ristoranti ta' impriżi, kantins tal-iskejjel, taċ-ċentri għat-trabi, tal-isptarijiet, tad-djar tax-xjuħ...: il-kċejjen kollettivi jitimgħu ħafna nies.

Ipperswadi lil dawk li huma responsabbli għall-kantin tiegħek biex iġibu l-provvisti mill-produtturi organiċi lokali, biex iservu frott u ħaxix tal-istaġun, biex inaqsu l-porzjonijiet ta' laħam u ta' ħut, biex jissostitwuhom b'mod regolari b'ikliet ibbażati fuq iċ-ċereali, il-legumi, il-bajd, il-ġobon..., biex iġiegħlu lin-nies jiskopru varjetajiet minsija (topinambour, rutabaga...), biex inaqqsu u jbiddlu f'kompost l-iskart mhux imsajjar (bħall-qxur u l-qoxra tal-bajd)...

Dan jirrikjedi xi addattament mill-koki iżda jkollu ħafna effetti pożittivi għall-bijodiversità... u għal saħħtek!



**NIEĦU SEHEM FIL-KAMPANJA "INĦAWWLU GĦALL-PJANETA".**



Is-siġar jipprovdu ikel, fjuwil, materjal għall-bini, fibri u mediċini għall-bniedem. Fihom jinsabu wkoll kwantità ta' mammiferi, għasafar, invertebrati, ħażiż, faqqiegħ... U jiġbru l-gass karboniku, jirrilaxxaw l-ossiġenu, jimpedixxu l-erużjoni, iżommu l-umdità tal-ħamrija, inaqqsu t-temperatura bi ftit gradi, iżidu l-livell ta' umdità fl-arja u jipparteċipaw fiż-żamma tal-bilanċ tal-klima.

Iżda huma mhedda minn deforestazzjoni kbira. Biex tiġġieled kontra l-effetti ħżiena ta' din id-deforestazzjoni, ħu sehem fil-kampanja "Inħawwlu għall-pjaneta" immexxija mill-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-ambjent.

Għal aktar tagħrif:
www.unep.org/billiontreecampaign



# NAĦDEM GĦAL ROTOT XIERQA GĦALL-BIJODIVERSITÀ.

Ġimgħa 38

Ħeġġeġ lill-awtoritajiet lokali biex itejbu l-kwalità ambjentali tar-rotot. X'jistgħu jagħmlu?

Jipprevedu t-toroq b'mod li jiminimizzaw l-impatt tagħhom fuq l-ambjent.

Jagħżlu kisi inqas storbjuż u li jkollu materjal riċiklat.

Jinstallaw dawl xieraq (ma jgħammix, orjentat 'l isfel, b'sensers tax-xemx...).

Joħolqu jew jiffavorixxu punti ta' passaġġ għall-annimali (rospi, skwirils, ċriev...).

Iħawwlu sisien tal-ħaxix tul it-toroq, b'mod partikolari biex jiddirieġu l-fawna lejn il-passaġġi tagħhom (wildlife crossings) u jassorbu parti mit-tniġġis tal-atmosfera, tal-ħsejjes, tad-dawl...

Jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni fil-ġnub tat-toroq fil-mumenti x-xierqa (żbir tas-siġar u tal-arbuxxelli barra mill-perijodi ta' meta l-għasafar jagħmlu l-bejta, ħart tard...).



## MA NIXTRIX ĦWEJJEĠ LI GĦANDHOM JINĦASLU BID-*DRY CLEANING*.

Il-maġġoranza tal-impriżi tad-*dry cleaning* jużaw il-perchloroethylene (jew tetrachloroethylene). Dan is-solvent huwa tossiku għal dawk li jaħdmu bih: huwa irritanti għall-ġilda u għall-membrani mukużi, jipprovoka dardir, uġigħ ta' ras u sturdamenti, jakkumula fl-organiżmu u probabbilment huwa kanċeroġenu.

Normalment dan jintuża f'ċirkuwitu magħluq, iżda jinstab fl-ilma ta' taħt l-art u fix-xmajjar. Madankollu, huwa jagħmel ħafna ħsara lill-ambjent, b'mod partikolari lill-ekosistemi akkwatiċi...

Illum, id-*dry cleaners* ekoloġiċi, li jużaw biss prodotti bijodegradabbli (bħall-ilma), għadhom rari ħafna. Is-soluzzjoni? Evita li tixtri ħwejjeġ u bjankerija tad-dar li jeħtieġu *dry cleaning*!



# NINSTALLA BEJT AĦDAR F'DARI.




Fil-belt, bejt bil-pjanti huwa kenn addizzjonali għal bosta insetti u għasafar. Iżda mhuwiex l-uniku interess tiegħu, lanqas xejn! Iżomm parti kbira tal-ilma tax-xita. Itejjeb il-kwalità tal-arja ambjentali. Jipproteġi l-bini mid-differenzi kbar fit-temperatura u jipprovdi wkoll ċerti iżolament akustiku.

L-għażla tal-pjanti ssir skont it-tip ta' bejt (li għandu jkun ċatt jew bi ftit pendil!), il-piż li jista' jieħu u l-ħin li int lest li tagħti biex iżżomm din il-veġetazzjoni (ħażiż, pjanti sukkulenti u ħxejjex jirrikjedu biss manutenzjoni annwali). Għal riżultat ottimali, żur ditta speċjalizzata.



# MA NDAĦĦALX SPEĊI EŻOTIĊI FL-AMBJENT.




L-introduzzjoni ta' annimali eżotiċi fl-ambjent – apposta jew mod ieħor – tista' toħloq problemi: xi annimali (bħall-parakeets, fkieren tal-ilma...) jaddattaw irwieħhom perfettament għal ambjent ġdid u jitkattru malajr. L-istess ħaġa tapplika għall-pjanti (siġar tal-arżnu tal-Ġappun, majrjofilju tal-Brażil eċċ.).

Fin-nuqqas ta' predaturi naturali li jrażżnu dawn il-popolazzjonijiet fl-ambjenti oriġinali tagħhom, xi speċi eżotiċi jsiru tant invażivi li jsiru ta' theddida għall-ispeċi indiġeni ! Barra minn hekk, dawn l-ispeċi invażivi għandhom impatt ekonomiku sinifikanti kif ukoll effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem. Finalment, huwa diffiċli ferm li dawn l-ispeċi jiġu eliminati ladarba jkunu ambjentaw ruħhom, liema proċess ta' eradikazzjoni jiġi jiswa wkoll ħafna flus....

Għalhekk, jekk għandek xi speċi eżotika d-dar, jekk jogħġbok ħu kull prekawzjoni meħtieġa biex timpedixxi milli din tinxtered fl-ambjent tagħna.



## NISKOPRI L-"PUNTI JAĦARQU" TAL-BIJODIVERSITÀ.



Dawn ir-reġjuni huma fost dawk l-aktar rikki fil-bijodiversità – huma jiġbru madwar 60 % tal-ispeċi ta' pjanti, għasafar, mammiferi, rettili u amfibji tal-pjaneta, li kważi nofshom huma speċi endemiċi (jiġifieri ta' dawn ir-reġjuni) – iżda wkoll l-aktar fil-periklu: diġà tilfu mill-inqas 70 % tal-veġetazzjoni primarja tagħhom u fihom jinsabu kważi 75 % tal-ispeċi ta' annimali li huma l-aktar fil-periklu!

Fil-preżent, hemm 34 "punt jaħraq" relatati mal-art – il-"punti jaħarqu" marini għadhom ma ġewx identifikati – fejn huwa importanti li ssir azzjoni urġenti. Għalhekk, aġixxi billi tappoġġa l-assoċjazzjonijiet għall-ħarsien tan-natura li jaħdmu f'dawn ir-reġjuni.

Għal aktar tagħrif: www.biodiversityhotspots.org






# INĦEĠĠEĠ LILL-INTRAPRIŻA TIEGĦI BIEX TAĠIXXI GĦALL-BIJODIVERSITÀ.

Ħeġġeġ lill-intrapriża tiegħek tikkumpensa għall-impatt tagħha fuq l-ambjent (l-emmissjonijiet ta’ $CO_2$ tagħha, l-installazzjoni tagħha tul xmara…) jew iżżid l-impenn tagħha favur il-bijodiversità.

Kif? Billi tissussidja assoċjazzjonijiet għall-ħarsien tan-natura (li jirrestawraw ekosistemi partikolari, jipproteġu speċi fil-periklu…), billi tiffinanzja programmi xjentifiċi ta’ inventarju u ta’ konservazzjoni, billi taqsam il-benefiċċji mal-pajjiżi tan-Nofsinhar li jipprovdu l-materja prima jew ir-riżorsi ġenetiċi, billi toħloq fondazzjoni għas-salvagwardja tal-bijodiversità, billi timplika l-impjegati, u tibgħathom fuq il-post…



## NISKOPRI L-ĦLAS GĦAL SERVIZZI AMBJENTALI.




Bidwi jirċievi rimunerazzjoni għaliex jaċċetta, minkejja ċertu telf fil-profitt, li ma jaqtax is-siġar ta' foresta biex ikabbar il-medda agrikola tiegħu, iżda minflok iżommha sabiex tkompli tassorbi l-ilma ġieri, taqbad u tbiddel is-$CO_2$ f'$O_2$, iżżomm u titma' bosta speċi...: dan huwa eżempju tal-prinċipju tal-"ħlas għal servizzi ambjentali".

Dan il-prinċipju innovattiv diġà għandu ċertu suċċess, għalkemm huwa diffiċli li wieħed jiddetermina l-valur finanzjarju ta' ċerti servizzi ambjentali. Madankollu, jogħġbok? Tkellem dwaru man-nies ta' madwarek! Jista' jkun li xi ħadd jisma' minnek...



# NORGANIZZA TINDIF KBIR TAL-VIĊINAT.




Mal-ġirien tiegħek, u bl-appoġġ tal-awtoritajiet lokali, organizza tindif kbir tal-viċinat tiegħek sakemm il-friegħi ikunu mingħajr weraq u l-ħaxix ħażin ikun baxx.

Neħħi l-basktijiet tal-plastik li jkunu weħlu fis-siġar u neħħi ż-żibel (laned, fliexken, laned taż-żibel, tajers, l-iskrins tat-televiżjoni, bottijiet taż-żebgħa…) mill-ġenb tat-triq, mix-xatt tax-xmajjar u mill-imsaġar mibdulin f'miżbliet mhux ikkontrollati. Agħżilhom u ħudhom il-miżbla.

B'hekk tkun qed tillimita t-tniġġis tal-ekosistemi bħalma huma x-xmajjar jew l-artijiet selvaġġi. U tevita ħafna perikli għall-annimali, bħal pereżempju li jweġġgħu billi jimxu fuq ħġieġa miksura jew jifggħu b'xi biċċiet tal-plastik li jkunu ħasbuhom ikel!





# INNAQQAS IL-KONSUM TIEGĦI TA' KARTA U KARTUN.




Ikkonsma inqas karta u kartun, u b'hekk tkun qiegħed tipproteġi l-foresti, illimita l-enerġija u l-ilma użati għall-fabbrikazzjoni tagħhom u naqqas l-iskart iġġenerat.

Jekk għandek tistampa dokument, stampah fuq quddiem u fuq wara tal-karta jew uża n-naħa ta' wara vojt tal-karta bħala karta għat-tħażżiż. Erġa' uża l-enveloppi li jkunu għadhom tajbin u żomm l-oħrajn biex tikteb il-lista tax-xiri, il-messaġġi tiegħek...

Meta jkunu disponibbli, agħżel l-alternattivi f'karta riċiklata jew bit-tikketta FSC jew PEFC (kotba tan-noti, toilet-paper, wall-paper...), tad-drapp (srievet, imkatar, basktijiet...) jew online (direttorji, trasferimenti...).

Ladarba tkun qrajthom, islef il-kotba, gazzetti u r-rivisti tiegħek lil qarrejja potenzjali oħrajn.

U ovvjament, irriċikla l-karti u l-kartun qadim tiegħek.



# NAĠIXXI GĦALL-BIJODIVERSITÀ PERMEZZ TA’ INTERNET.




Sempliċiment billi tuża l-Internet, tista’ tieħu azzjoni għall-bijodiversità. Ċerti strumenti ta’ riċerka jissuġġerulek kuljum ġest favur il-pjaneta. Oħrajn jgħoddu ż-żjarat tiegħek u jħawwlu siġra kull 100 jew 500 tiftixa. Oħrajn jużaw sfond iswed (inqas juża enerġija mill-verżjoni bajda) jew jagħtu parti jew id-dħul kollu tar-reklamar tagħhom lill-assoċjazzjonijiet għall-ħarsien tan-natura.

Tista’ wkoll tikkalkula fuqhom il-marka ekoloġika tiegħek, tiffinanzja programmi ta’ kumpens tas-$CO_2$ irrilaxxat waqt il-vjaġġi tiegħek bl-ajruplan, tiġbor informazzjoni dwar l-ekotikketti, taqsam l-esperjenza tiegħek fir-rigward tal-ħarsien tal-bijodiversità permezz ta’ blogs, forums, netwerking soċjali online...



# INSIR "LOCAVORE".




Biex issir "locavore", trid tiekol ikel li jiġi prodott lokalment biss. B'hekk tkun qed tillimita l-emmissjoni ta' $CO_2$ fl-atmosfera li ssir waqt it-trasport tagħhom (hemm bosta annimali u pjanti li qegħdin f'riskju li jiġu estinti minħabba t-tibdil fil-klima kkawżat miż-żieda tal-gassijiet b'effett serra) u fl-istess ħin tkun qed tappoġġa l-produtturi tar-reġjun tiegħek li jikkultivaw jew irabbu speċi indiġeni.

Ovvjament, dan jimplika wkoll li tikkonsma frott u ħaxix tal-istaġun. Peress li dawn ta' spiss ikollhom togħma aħjar – speċjalment jekk ikunu organiċi – milli l-ekwivalenti internazzjonali tagħhom (li l-kultivazzjoni tagħhom tista' teħtieġ kwantitajiet kbar ta' fertilizzanti u pestiċidi kimiċi u ta' trasport li jniġġes ħafna), ma inti ser titlef xejn mill-bidla!



# NILLIMITA L-ISKART TA’ MEDIĊINI FIN-NATURA

Ġimgħa 49

Aħna narmu fit-tojlit parti kbira mis-sustanzi attivi tal-mediċini li nibilgħu. Minħabba li huma reżistenti għat-trattament tad-drenaġġ fl-impjanti ta’ trattament, dawn isibu ruħhom fix-xmajjar u fl-ibħra fejn jaffettwaw il-fawna u l-flora akkwatiċi.

L-effetti tagħhom għadhom mhumiex magħrufin sewwa iżda jidher, pereżempju, li ċertu ħut espost għall-estroġeni sintetiċi tal-kontraċettivi orali jsir ermafrodit.

X’għandu jsir? Ħu mediċini biss meta jkun verament meħtieġ (l-antibijotiċi huma għal xejn fil-każ ta’ infezzjonijiet virali) u ħu dawk il-mediċini mhux użati jew skaduti lura għand l-ispiżerija (la għandek tarmihom fil-landa taż-żibel u lanqas fit-tojlit!).



## NAGĦŻEL RIGALI RELATATI MAL-BIJODIVERSITÀ.

Ġimgħa 50

Għandek nuqqas ta' ideat għar-rigali? Agħżel oġġetti li jippermettulek titkellem dwar il-bijodiversità, dwar is-servizzi li din tagħti u l-importanza li din tiġi ssalvagwardjata. Dan huwa mod pjaċevoli biex titkellem dwar suġġett tant essenzjali għall-pjaneta!

Offri manwal dwar iż-żebgħa naturali lil dawk li jħobbu jagħmlu xogħol id-dar, ktieb dwar il-fjuri li jittieklu lil dawk li jħobbu l-ikel, gwida dwar l-ekoturiżmu lil dawk li jħobbu s-safar, binokkli lil dawk li qegħdin jittamaw li jsiru naturalisti...

B'sapuna tal-Aleppo, ħeġġeġ l-interess li jintużaw deterġenti naturali. B'kaxxa ċikkulatini organiċi, ippreżenta l-problema tal-kultivazzjoni tal-palmi taż-żejt fl-Indoneżja u l-Malażja (u tal-periklu li qegħdin fih ix-xadini l-kbar)...



# NAGĦTI ISMI LIL SPEĊI ĠDIDA.




BIOPAT (Patrons for Biodiversity –Patrons għall-Bijodiversità), inizjattiva appoġġata b'mod partikolari minn bosta istituti u mużewijiet tax-xjenza naturali Ġermaniżi, tipproponilek li tagħti ismek, jew dak ta' xi ħadd qrib tiegħek, lil speċi ta' annimal jew pjanta li ġiet skoperta dan l-aħħar (żrinġ, farfett, brimba, felċi, orkidea...) u dan, b'donazzjoni finanzjarja.

B'dan il-mod, tagħmel l-impenn tiegħek wieħed immortali lejn il-preservazzjoni tal-bijodiversità. U tissussidja r-riċerka tassonomika (jiġifieri d-deskrizzjoni ta' speċi ġodda), kif ukoll studji u azzjonijiet ta' konservazzjoni tan-natura mwettqa prinċipalment fil-pajjiżi fejn dawn l-ispeċi ġodda jkunu ġew skoperti.

Għal aktar tagħrif dwar din l-inizjattiva: www.biopat.de



## NINFORMA RUĦI DWAR IL-PROGRAMM NATURA 2000.




L-agrikoltura, il-forestrija, l-industrija, it-turiżmu… jistgħu jkunu fl-oriġini tad-deterjorazzjoni ta' ħabitats naturali bħall-għadajjar (bogs), ix-xagħrijiet, l-imsaġar tal-fagu, l-imsaġar tal-ballut… u, għalhekk, tar-regressjoni ta' bosta speċi ta' annimali u pjanti.

Il-programm Ewropew Natura 2000 għandu l-għan li jippreżerva, f'armonija mal-attivitajiet tal-bniedem, dawn l-ispeċi u l-ambjent naturali li jinsabu fih.
Il-mezzi implimentati? Restawr tal-bijotopi, introduzzjoni mill-ġdid ta' speċi indiġeni, żvilupp ta' attivitajiet ta' riċerka u ta' edukazzjoni…

Għal aktar tagħrif dwar Natura 2000:
ec.europa.eu/environment/nature



## Għal aktar informazzjoni:

In-natura u l-bijodiversità
http://ec.europa.eu/environment/nature/index_en.htm

In-Netwerk Natura 2000
http://ec.europa.eu/environment/nature/natura2000/index_en.htm

Il-kampanja bijodiversità
http://ec.europa.eu/environment/biodiversity/campaign/index_mt.htm

Il-konvenzjoni dwar id-diversità bijoloġika
http://www.cbd.int/

Istitut Irjali tax-Xjenzi Naturali tal-Belġju
http://www.sciencesnaturelles.be/

Is-Servizz Pubbliku Federali
Is-Saħħa, is-Sigurtà tal-Katina tal-Ikel u l-Ambjent
http://www.health.belgium.be

Il-Kummissjoni Ewropea

**52 azzjoni favur il-bijodiversità**

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

2011 – 60 pp. – 15 x 15 cm

ISBN 978-92-79-18626-4
doi:10.2779/97035

Biex tordna kopja, disponibbli bla ħlas, sakemm ikun hemm biżżejjed stokk disponibbli :

*Għal kopja waħda:*
permezz tal-EU Bookshop, l-aċċess online għall-pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea:
**http:// bookshop.europa.eu**

*Għal aktar minn kopja waħda:*
permezz tan-netwerks nazzjonali ta' informazzjoni Europe Direct l-aktar viċin tiegħek:
**http://europa.eu/europedirect/meet_us/index_mt.htm**

KH-32-10-600-MT-C

NATURA 2000

Biodiversity
WE ARE ALL IN THIS TOGETHER

biodiv 2010
museum

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

ISBN 978-92-79-18626-4